**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' April 2020.**

**Rikors nru: 171/2018 AGV**

**AB (ID Nru: 453085 M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 340090 M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta' AB datat 5 ta' Lulju 2018, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;**

1. Minn relazzjoni li l-partijiet kellhom flimkien huma kellhom tarbija bl-isem ta' EB ( ID nru : 46916 L) li twieled fil- 15 ta' Jannar 2016 u llum ghandu sentejn u nofs.
2. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet illum intemmet u ma ghadhomx jabitaw flimkien minhabba nuqqas ta' ftehim, relazzjonijiet li l-konvenuta qed

ikollha ma' rgiel ohrajn , negligenza tal-konvenuta fil-konfront tad-dar u aghar minn hekk, minhabba negligenza, abbandun, u irresponsabilta' totali fil-konfront tat-tarbija, tant li kien ikun l-attur , li jiehu hsieb kollox.

3. Fiz-zmien li l-partijiet kienu jabitaw flimkien, il-konvenuta wriet li ma hix ta' min jafdaha mat-tarbija . Barra minn hekk, l-ambjent tad-dar fejn illum toqghod l-konvenuta ma huwiex wiehed salutari, minhabba problema kbira ta' vjolenza domestika, glied bejn ommha u l-partner taghha, sokor u swat, problemi ta' droga, serq, glied , u djun u problemi mal-Pulziija.
4. L-ambjent li tipprovdi l-konventa ma huwiex ambjent fejn tarbija ghandha tqatta' is-snin formattivi taghha u qed johloq danni psikologici li E x' aktarx ibati minnhom ghomru kollu jekk ma jittehdix minnufih mil-kustodja tal-konvenuta.
5. Illi l-attur fetah proceduri ta' medjazzjoni b' ittra tal-5 ta' Jannar 2018 (ittra numru 9/ 2018), izda dal-proceduri ma wasslu ghal ebda soluzzjoni, u b' digriet ta' din l-Qorti tal- 15 ta' Mejju 2018( digriet nuru 1054/2018) il-partijet gew awtorizzati jipprocedu b' kawza.
6. L-attur ghalhekk qed jaghmel dil-kawza sabiex jinghata wahdu l-kura u kustodja tat-tarbija, b' dan li l-konvenuta jkollha dritt ta' access sorveljat, dejjem u unikament fl-interess tat-tarbija.

Ghaldaqstaqt l-attur umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tordna li l-attur wahdu jkollu l-kura u l-kustodja ta' ibnu EB, li twieled fil-15 ta' Jannar 2016;
2. Tiffissa l-modalita' tal-access li l-konvenuta ghandu jkollha ghat-tarbija, b' dan li dal-access ghandu jkun taht supervizjoni u mhux fl-ambjent tad-dar tal-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-medjazzjoni u spejjez tar-rikorsi li saru qabel din l-kawza, kontra l-konvenuta li hija imharrka minn issa in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' 24 ta' Awwissu 2018 fejn esponiet bir-rispett;**

1. It-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt li mhux fl-interess tal-minuri EB li l-attur ikollu kura u kustodja esklussiva tieghu. Il-konvenuta hija izjed f' posizzjoni li tista' taghti l-attenzjoni mehtiega lill-minuri. L-attur diga' ghamel rikors fejn spjega li ma setax jiehu hsieb lill-minuri u xtaq li tkun ohtu il-persuna li jkollha l-kura u l-kustodja. L-attur kien cahad l-access ghall-konvebuta b' danni kbar ghall-minuri.
2. L-allegazzjoni msemmija fir-rikors guramentat ma humiex veritiera u l-konvenuta hija omm qed tghix fl-ambjent sahan ghal istess minuri.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-atti tal-Medjazzjoni numru 9/18 u 20/18.

**IKKUNSIDRAT**

Illi din il-kawza tittratta l-kura u kustodja ta' wild minorenni. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom, minn liema kien twieled tifel, E, li llum ghandu erba' snin u tlitt xhur. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet illum spiccat, u ghalhekk it-tnejn intavolaw proceduri kontra xulxin biex jiksbu l-kura u kustodja Illi din il-kawza tittratta talba ghall-kura u kustodja ta' wild minuri. Il-partijiet tat-tifel b'mod esklussiv. Peress illi l-Qorti ghandha quddiemha zewg kawzi f' ismijiet inversi dwar l-istess mertu, il-motivazzjonijiet ser jigu miktuba biss f'din is-sentenza, ghall-ekonomija tal-gudizzju. Dak li huwa miktub f' wahda s'intendi jghodd ghall-ohra.

**FATTI**

Kif qalet il-Qorti aktar 'il fuq, il-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom, u minn din l-istess relazzjoni twieled tifel bl-isem E fil-15 ta' Jannar 2016. Kienu ilhom jghixu flimkien sa mix-xitwa tal-2013. Wara t-twelid tal-wild, jidher li beda jinqala' aktar dizgwid bejn il-partijiet. AB jilmenta min-naha tieghu li l-omm ma kienetx taghti kaz tal-minuri kif jixraq, u jaghmel diversi allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-familjari taghha biex isahhah l-argument tieghu li hi mhix omm tajba ghal ibnu, u ghalhekk qed jitlob il-kura u kustodja esklussiva tat-tifel.CD, min-naha taghha, tghid li l-missier sar possessiv fuq ibnu wara li dan twieled, u tghid li sar dominanti u ried jikkontrolla lilha u lit-tifel. Din is-sitwazzjoni baqghet tiskala fejn f'Novembru 2017, CD telqet mir-residenza fejn kienu qed joqoghdu bhala familja u marret tghix lura ghand ommha. Il-minuri baqa' jghix ma' AB izda ghal xaharejn kien jinzamm min-nanniet paterni, il-genituri ta' B,  u minn Jannar 2018, il-minuri beda jinzamm minn FG oht AB, mizzewga lil HG. AB kien ghamel dan l-arrangament minhabba li hu kellu hinijiet ta' xoghol li, skond hu, ma kienux jippermettulu li jzomm lil ibnu mieghu l-hin kollu. Ghalhekk kiseb l-ghinuna l-ewwel tal-genituri tieghu, u wara ta' ohtu u r-ragel taghha. Hu kien imur jara lil ibnu kuljum.

F'dan iz-zmien, l-omm ftit li xejn rat lil binha. AB jghid li hi ma kellha ebda interess fih, kienet kuntenta titlaq mid-dar u tmur tghix ma' ommha u tohrog ma' rgiel ohra. CD tghid li sabitha difficli li titlaq mid-dar fejn kienu jghixu, u tghid li ma kellhiex ghazla hlief li titlaq u thalli lil E warajha ghax AB kien sar insopportabbli u ma hallihiex titlaq bit-tifel b'kollox. Tghid ukoll li wara li telqet. AB ghamilhielha difficli hafna li tara lil binha ta' spiss, u ghalhekk hassitha skomda hafna tmur tarah.

F'Jannar 2018, il-partijiet fethu zewg medjazzjonijiet kontra xulxin fil-Qorti tal-Familja. AB fetah medjazzjoni fil-5 ta' Jannar 2018, bin-numru 9/18. CD fethet medjazzjoni fit-8 ta' Jannar, 2018, bin-numru 20/18. It-tnejn talbu li jkollhom il-kura u l-kustodja esklussiva ta' E , u t-tnejn ressqu rikors ghal kura w kustodja tieghu fl-atti rispettivi taghhom. B'digriet tal-31 ta' Jannar, 2018, iz-zewg medjazzjonijiet kellhom jitmexxew flimkien, u b'digriet tad-9 ta' Frar, 2018, fl-atti tar-rikors ta' AB, kienet inhatret Valentina Caruana bhala 'social worker' mal-Agenzija Appogg biex tevalwa ma' min ghandu jirresjedi l-minuri. Precedentement, fir-rikors ta' CD,  b'digriet tal-24 ta' Jannar, 2018 kienet giet appuntata l-Avukat tat-Tfal sabiex tirrelata dwar it-talbiet maghmula minn D fid-dawl tar-risposta ta' B. Fir-rapport taghha datat 23 ta' April 2018, l-Avukat tat-Tfal kienet irrakkomandat li l-kura u kustodja tal-minuri tkun wahda kongunta u l-minuri jirresjedi mal-omm, b'access versu l-missier. Din ir-rakkomandazzjoni giet ikkonfermata fid-digriet tal-Qorti datat 24 ta' April 2018. Ghalhekk minn dik id-data l-minuri kellu jibda jirresjedi ma' CD.

AB ressaq rikors fit-3 ta' Mejju, 2018, fejn talab li dan l-ahhar digriet jigi sospiz, u ssir evalwazzjoni ta' CD minn 'clinical psychologist'. Dan ir-rikors kien gie michud fil-21 ta' Mejju 2018. Fit-3 ta' Mejju 2018 ukoll, CD ressqet rikors min-naha taghha fejn talbet li d-digriet tal-24 ta' April 2018 jigi enforzat anke permezz tal-Marexxalli tal-Qorti, peress illi l-minuri baqa' jirresjedi ma' oht il-missier.

Dan ir-rikors intlaqa' fid-9 ta' Mejju 2018, u l-ghada 10 ta' Mejju 2018 il-Marexxalli tal-Qorti marru fir-residenza ta' oht AB u hadu lil minuri u tawh lill-omm. B'hekk, b'effett mill-10 ta' Mejju 2018, E beda jirresjedi ma' ommu fid-dar tan-nanna materna, ID, omm CD. Iz-zewg medjazzjonijiet inghalqu fil-15 ta' Mejju, 2018, u l-partijiet kienu awtorizzati jmexxu b'kawza fil-Qorti tal-Famijla, kif fil-fatt ghamlu.

AB ipprezenta l-kawza tieghu fil-5 ta' Lulju, 2018, u CD ipprezentat il-kawza taghha fis-6 ta' Lulju, 2018, fejn it-tnejn talbu l-kura u kustodja tal-minuri E. Mill-provi prodotti mill-partijiet fiz-zewg kawzi, il-Qorti hadet impressjoni li l-energija kienet mitfugha aktar fuq jitfghu lil xulxin f'dell ikrah milli jsir sforz ghall-gid tal-minuri. Dan qed jinghad bl-akbar rispett lejn iz-zewg partijiet, li l-Qorti hija konvinta li t-tnejn ghandhom hafna ghal qalbhom il-benessere tat-tifel, izda sfortunatament il-provi kienu donnhom intizi primarjament biex parti toskura lill-ohra.

AB xehed diversi drabi fil-kawza, uhud minnhom minghajr ma talab jew kiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. Kull darba li xehed, anke meta ressaq rikors, l-animu tieghu kien li jinsisti u jenfasizza kemm CD hija omm hazina, traskurata, tidhol f'relazzjonijiet ma' diversi rgiel ohra, ma tiehux hsieb tat-tifel, u ma tikkontribwixxi xejn lejn il-familja. Fil-konfront tal-familjari taghha, B ghamel ukoll diversi allegazzjonijiet bhal li jmexxu d-droga, jinfexxu f'xulxin bi vjolenza fizika u verbali, li jixorbu kwantita' ta' alkohol, u li ghandhom id-djun ma' terzi, fost allegazzjonijiet ohra. Ghalhekk B isostni li D ma tistax toffri ambjent fejn il-minuri jista' jitrabba b'mod seren kif jixraqlu. Dawn l-allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet ohra simili baqghu jsiru min-naha ta' B f'kull rikors li hu ressaq, u f'kull affidavit ulterjuri u stqarrija guramentata li hu ghamel, anke jekk, kif gia' intqal, il-Qorti ma kienetx tatu ebda awtorizzazzjoni jaghmel dan. Apparti minn hekk, ma ngabu ebda provi oggettivi li fil-fatt juru li l-familjari ta' D kienu b'xi

mod involuti f'attivita' simili. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti dawn l-allegazzjonijiet kollha jibqghu minghajr ebda bazi legali u fattwali u, kif jghidu t-Taljani, *"lasciano il tempo che trovano".* Il-Qorti jkollha taghmel dawn l-osservazzjonijiet ghax, sfortunatament, hafna kawzi li jittrattaw il-kura u kustodja ta' ulied minuri jispiccaw bhal 'mud slinging contest', bl-impressjoni li xi parti ha tiskorja l-punti kontra l-parti l-ohra billi tinfexx f'kummenti negattivi u dispreggattivi fil-konfront tal-parti l-ohra, kummenti li, fil-verita', ma jwasslu mkien. Ghalhekk, bid-dovut rispett, dawn it-tentattivi ta' B waqghu fuq widnejn torox.

Madankollu, il-Qorti tosserva wkoll li B deher li ha interess attiv u posittiv fit-trobbija ta' E, b'mod specjali fejn kien jikkoncerna l-izvilupp fiziku-edukattiv tieghu. Di fatti, hu jesebixxi rapport tac-'Child Development Assessment Unit' datat 1 ta' Frar 2019, bhala parti minn rikors imressaq minnu fit-8 ta' Marzu 2019. Din il-posizzjoni hija msahha wkoll mid-deposizzjoni ta' ohtu, FG, fl-affidavit taghha datat 14 ta' Jannar 2019 u esebit minnu fis-7 ta' Mejju 2019. Jirrisulta wkoll li B ha sehem attiv fl-appuntamenti li l-minuri kellu ma' 'Speech Language Centre', skond rapport datat 20 ta' Awwissu 2019, esebit ma' rikors tieghu datat 1 ta' Ottubru 2019. Dawn huma kollha punti posittivi fil-konfront ta' B, u l-Qorti theggu bhala missier li jibqa' jaghti s-sehem tieghu b'dan il-mod, specjalment fejn jikkoncerna l-izvilupp edukattiv u akkademiku tal-minuri. Il-qorti ghalhekk tirrimarka li B ghandu bazi minn fejn jitlaq biex ikompli jiehu hsieb it-trobbija ta' ibnu.

CD, min-naha taghha, tghid li B kien dominanti fuqha u ried li jikkontrolla l-hajja taghha u tat-tifel. Kien imaqdar kull ma taghmel u ma jhalliha taghmel xejn, ghax li taghmel hi ma kienx tajjeb bizzejjed. Kien insista maghha ghal 'breastfeeding' tat-tifel, ghalkemm hi kellha diffikulta', u kien anke jghidilha biex titlaq u thalli t-tifel mieghu. Meta fil-fatt telqet mid-dar, tghid li ma hallihiex tara lit-tifel, anke

meta E mar jghix ghand ohtu. Kien insista maghha li hi ghandha tohrog tahdem u t-tifel jinzamm minn ommu, u kienet ghalhekk accettat li tibda tahdem, izda ma dametx. Dan kollu tikkonfermah ID, omm Maxine, fl-affidavit taghha.

Fil-fehma tal-Qorti, l-aktar provi importanti f'dawn iz-zewg kawzi kienu r-rapporti ta' Valentina Caruana u ta' Carmen Sammut. Valentina Caruana kienet giet nominata fil-medjazzjoni fuq talba ta' ABu giet moghtija l-inkarigu li tirrakkomanda ma' min ghandu jirrisjedi l-minuri. Kienet ipresentat rapport fl-istess medjazzjoni datat 18 ta' Lulju 2018, fejn intalab aktar zmien ta' monitoragg fuq il-minuri u l-partijiet kollha involuti. Ta' min jigi osservat hawnhekk li l-minuri kien gia' jirresjedi mal-omm, CD, f'dan l-istadju. Sussegwentement hi ppresentat rapport iehor datat 16 ta' Jannar, 2019, fejn gew elenkati numru ta' rakkomandazzjonijiet lill-partijiet, li l-Qorti sejra tirriproduci *verbatim* hawn taht:

1. Li l-minuri E ikompli jghix ma' ommu s-sinjorina D.
2. Li s-Sur B ghandu jissottometti ruhu ghal *assessment* psikjatriku sabiex ikun jista' jigi mghejjun mill-ahjar specjalment fi zmien ta' stress. Dan specjalment fid-dawl tal-hsibijiet li gew imsemmija aktar il quddiem f'dan ir-rapport. Dan ser ikun ta' beneficcju ghall-missier minhabba l-istress psikologiku li ghaddej, izda aktar ghall-minuri sabiex ikun dejjem f'ambjent san. Huwa important li l-missier jiehu l-ghinuna sakemm il-minuri ghadu zghir sabiex il-missier ikun jista' jaghti sapport u gwida bhala genitor ladarba l-minuri jikber. Hu mahsub li l-psikjatra ghandu jigi provdut kopja ta' dan ir-rapport sabiex ikun mgharraf dwar il-kaz.
3. Fid-dawl tad-digriet numru 171/2018 mahrug fit-28 ta' Novembru 2018, qieghed jigi rakkomandat li fil-kontribut taghha, il-psikologa s-Sinjura Carmen Sammut ma tevalwax biss l-omm izda anke lill-missier il-minuri E. Hu rakkomandat li hi tigi provduta b'kopja ta' dan ir-rapport ghal aktar informazzjoni dwar il-kaz.

4. Il-missier qieghed ikollu problema sabiex ikollu access f'hinijiet fissi minhabba li l-impieg gdid tieghu hu fuq bazi ta' shift, ghaldaqstant qieghed jigi rakkomandat li l-genituri jiftehmu fuq access darbtejn fil-gimgha li jikkonsisti minn tlitt sieghat kull darba. Wahda minn dawn il-vizti ghandha tkun fil-presenza taz-zija paterna, is-Sinjura FG.
5. Is-Sinjorina D tattendi ghal kors tal-*Homestart* li giet irriferuta ghalih. Ghandha anke timxi mal-gwida li tigi offruta lilha u tkompli tattendi s-sessjonijiet hekk kif tigi gwidata minn dan is-servizz.
6. In oltre, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tad-digriet numru 171/18 mahrug fit-28 ta' Novembru 2018, haddiema mill-Agenzija Appogg ser ikomplu bil-monitoragg mal-genituri ghat-tlitt xhur li gejjin.

Dan ir-rapport kien fil-fatt originarjament esebit fl-atti tal-medjazzjoni numru 9/18, u kien gie sancit mill-Qorti permezz ta' digriet datat 17 ta' Jannar 2019, fejn il-Qorti kienet qablet mal-istess rapport, ordnat lill-partijiet sabiex jottemperaw rwiehom mar-rakkomandazzjonijiet kollha, kif ukoll kienet estendiet l-inkarigu ta' Carmen Sammut billi ordnat li tevalwa wkoll lil AB, u kienet ghalhekk awtorizzatha tiehu kopja ta' dan l-istess rapport.

Fil-fehma tal-Qorti, li kieku l-partijiet ottemperaw ruhhom ma' dan id-digriet u kienu mxew mar-rakkomandazzjonijiet hemmhekk maghmula, illum, sena w tlitt xhur wara, kien ikun hemm hafna xoghol lest mal-partijiet, u kienet possibilment tkun storja differenti. Minnflok, il-partijiet ghazlu li jinjoraw ghal kollox dawn ir-rakkomandazzjonijiet, u ntilef hafna zmien ghalxejn, a detriment tal-minuri E.

Tal-istess importanza huwa r-rapport ta' Carmen Sammut, datat 16 ta' Jannar, 2020, esebit fl-atti, u li l-partijiet irrimettew rwiehom ghalih – ghalkemm AB iddikjara, bi spavalderija liema bhala, fin-nota tieghu tal-14 ta' Frar 2020 li "ma jidhirlux li huwa ghandu htiega ta' xi konsultazzjoni ma' xi psikjatra", izda fejn

hass li kien jaqbillu esebixxa rapport ta’ psikjatra Dr John Borg datat 12 ta’ Gunju 2019, esebit ma’ rikors tieghu tal-24 ta’ Gunju 2019. Carmen Sammut tikkonkludi r-rapport taghha hekk:

> “Allura nixtieq nissuggerixxi li r-rakkomandazzjonijiet tal-Haddiema Socjali, fir-rigward tas-Sinjur B, li jkun hemm ezami u ghinuna minn psikjatra f’din il-fazi stressanti tal-hajja tieghu, tista’ tkun ta’ ghinuna kbira. Ghinuna ohra terapewtika fuq bazi personali, kemm ghalih innifsu kif ukoll fir-rwol tieghu bhala missier, tista’ wkoll tkun tajba…
>
> “…Nikkonkludi billi nghid li naqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Haddiema Socjali Valentina Caruana ghal Maxine Sammut, u nzid li nemmen li anki hi tista’ tibbenefika minn ezami u ghinuna psikjatrika f’dan iz-zmien ta’ stress.”

Il-Qorti ma thossx li ghandha tezamina il-kontenut tar-rapporti imsemmija. Il-kontenut huwa “self-explanatory” u huwa rizultat ta’ hafna laqghat mal-partijiet u hafna sieghat ta’ xoghol ta’ diversi professjonisti. Il-Qorti taqbel perfettament mar-rakkomandazzjonijiet kollha maghmula, u sejra taddottahom bhala parti integrali mis-sentenza taghha.

Fiz-zewg kawzi, il-partijiet kienu hafna aktar mohhhom kif ser joskuraw lill-parti l-ohra milli jaraw x’jistghu jtejbu fihom infushom bhala genituri ghall-gid ta’ binhom, ghalkemm il-Qorti jkollha tosserva li d-doza ta’ AB kienet hafna aktar qawwija minn dik ta’ CD, u dan ser jigi rifless fl-ispejjez tal-kawza odjerna. Il-Qorti ghalhekk tissollecita lil AB ifittex l-ghinuna psikjatrika u kull ghinuna ohra li giet suggerita lilu mill-esperti tal-Qorti, u tissollecitah ukoll ma jibqax jaghmel allegazzjonijiet fiergha fil-konfront ta’ omm ibnu, izda jfittex li jikkoopera fit-trobbija ta’ E, jekk verament ghandu ghal qalbu l-izvilupp ta’ ibnu. Hija tassew hasra li f’dawn il-kawzi tqabbdu Valentina Caruana u Carmen Sammut, u t-tnejn ghamlu xoghol siewi mal-partijiet, izda donnu dan gie skartat kompletament

minnhom. Il-Qorti sejra timplementa x-xoghol taghhom fis-sentenza billi taghti l-provvedimenti li jidhrilha xierqa u gusti fic-cirkostanzi, tenut kont dejjem l-interess suprem tal-benessere tal-minuri. Ghalhekk il-kura u kustodja ghandha tibqa' wahda kongunta bejn il-partijiet, u l-minuri ghandu jibqa' jirresjedi ma' CD.

Fit-28 ta' Awwissu, 2018, inghata digriet fejn AB kellu access ghall-minuri kuljum bejn l-4.00pm u s-6.00pm, billi jigbor lit-tifel mir-residenza tal-omm u jirritornah lura fl-istess residenza. Dan l-access kien gie estiz b'digriet iehor fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' Frar 2019, fejn il-hin tal-access zdied bejn it-3.30pm sas-6.30pm, kif ukoll bi 'sleepover' fil-gurnata li AB ikun 'off' mix-xoghol, mill-10.00am sal-ghada fil-5.00pm. Fl-istess verbal, kien gie ukoll dekretat li AB ghandu jhallas manteniment ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat, oltre nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni. Il-Qorti f'dan l-istadju hi tal-fehma li l-hin tal-access jista' jizdied, ladarba l-minuri ghalaq erba' snin, u sejra zzid ukoll il-manteniment dovut.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

1. Tichad l-ewwel talba tal-attur.
2. Tichad it-tieni talba tal-attur.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur AB.

| | |
|---|---|
| **Antonio G Vella** | **Concetta Gauci** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |